4 ta' Ottubru, 1957

Imħallef:—

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Edgar G. Soler ne. et.

*versus*

Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier, LL.D., M.L.A. et ne.

## Obligazzjoni — Terminų — Art. 1120 u 1173 tal-Kodići Ċivili

*Meta ma jkunx hemm stabbilit ebda żmien għall-eżekuzzjoni ta' obligazzjoni, din għandha tiġi eżegwita minnufih; iżda dan kemm il-darba x-xorta tal-obligazzjoni, jew il-mod kif għandha tiġi eżegwita, jew il-lok miftiehem għall-eżekuzzjoni tagħha, ma jġibux magħhom il-ħtieġ ta' żmien, li, jekk ikun hemm bżonn, jiġi stabbilit mill-Qorti.*

*Hu magħruf illi ż-żmien għall-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni jista' jkun anki taċitu, jew impliċitu, u jista' jirriżulta minn natura stess tal-obligazzjoni u mill-mod kif din ikollha tiġi eżegwita; u l-intenzjoni tal-kontraenti f'dan ir-rigward tista' tiġi deżunta u argumentata mill-kumpless tal-fatti u tal-klawsoli tal-kuntratt.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi, wara li ppremettew li b-ittra ministerjali tal-21 ta' Diċembru 1950 ġiet nominata kummissjoni bl-ordni li teżamina u tiddikjara jekk il-prezz li kien imħallas mill-Gvern għall-ħalib kienx xieraq u raġjonevoli ("fair and reasonable"), u biex tiffissa l-bażi li fuqha jiġi kalkulat il-kost tal-produzzjoni u l-prezz li għalieħ għandu jinxtara l-ħalib għadu mhux pasturizzat ("raw milk"); u b'rapport tagħha tad-29 ta' Lulju 1951 il-kummissjoni ddikjarat illi l-prezz imħallas dak iż-żmien mill-Gvern ma kienx la "fair" u lanqas "reasonable", u li l-prezz għandu jiġi kalkulat skond kif jingħad fil-paragrafi 38 u 60 tar-rapport (Dok. A); illi l-konvenuti ma riedux, il-kwalità indikata, jaċċettaw id-deċiżjoni tal-kummissjoni, u wara ħafna nkontri u ħafna diskussjonijiet, fosthom jekk il-prezz kellux ivarja matul is-sena jew le, u jekk kienx jaqbel illi l-prezz ikun uniku għall-ħalib kollu jew differenti, il-Gvern, ċjoè il-Prim Ministru għan-nom tal-Gvern, iddikjara fiż-17 ta' Jannar 1952 lil delegazzjoni tal-kumpannija illi l-prezz tal-ħalib propost minnu kellu jkun dak indikat fl-ittra eżibita, u li ġiet spedita lill-atturi a rikjesta tiegħu fid-19 ta' Jannar 1952 (Dok. B); illi l-Gvern eżiġa risposta bil-miktub għall-ittra tiegħu qabel ma ffissa l-prezz ġdid, u l-attur bgħatlu l-ittri li tagħhom tinsab kopja annessa, datati 21 ta' Jannar u 3 ta' Frar 1952, fejn ġie dikjarat li huwa kien jaċċetta, bħala ftehim provviżorju, il-prezz propost mill-Gvern mingħajr preġudizzju tad-dritt lilu derivat mid-deċiżjoni tal-kummissjoni (Dok. C u D); illi l-Gvern, malli rċieva r-risposta tal-attur, beda jħallas skond il-prezzijiet indikati fl-ittra tal-Prim Ministru fuq imsemmija, u aċċettati kif ingħad fl-ittri tal-attur fuq imsemmija, iżda b'differenza ta' tliet soldi (3d.) fil-gallun in kwartu għall-ħalib tal-baqra, u l-attur nomine pprotesta

minnufiħ verbalment u bil-miktub, mingħajr ebda riżultat minn naħa tal-konvenuti, u ddikjara illi huwa kien qiegħed jirċievi l-prezz mingħajr preġudizzju u akkont tal-prezz miftiehem;

Illi fis-6 ta' Awissu 1952 il-konvenut Maġġur Lewis Fenech ħareġ avviż li l-prezz tal-ħalib kien ser ikun għal kulħadd l-istess, jiġifieri anki għar-raħħala li ma humiex membri tal-kumpannija, u ċjoè kompla jħallas il-ħalib tal-baqra tliet soldi anqas minn dak fissat fl-ittra msemmija, u fis-27 ta' Ġunju 1953 ħareġ avviż ieħor li l-ħalib tal-baqra kien ser ikun imħallas sitt soldi (6d.) anqas fil-gallun, ċjoè disgħa soldi (9d.) anqas mill-prezz pattwit, u dan għalkemm l-ispejjeż kienu akbar (dok. E); illi għal xejn swew il-protesti ġudizzjarji tat-18 ta' Settembru 1952, 17 ta' Marzu u 8 ta' Lulju 1953, u lanqas ma riedu jammettu illi l-prezz tal-ħalib tal-baqra kien jiġi aċċettat mill-attur "mingħajr preġudizzju", u mhux "in full settlement", kif jirriżulta mill-kontroprotesti taż-17 ta' Marzu u 11 ta' Lulju 1953 (Dok. F, G, H), u dan għalkemm fil-laqgħa tal-21 ta' Marzu 1953, fuq l-awment tal-prezz skond id-deċiżjoni tal-kummissjoni, il-Prim Ministru ddikjara lil delegati tal-kumpannija illi l-prezz kellu jkun dak ġa ndikat fl-ittra tiegħu fuq imsemmija tad-19 ta' Jannar 1952 (Dok. I u J); u illi l-attur, f'kull pagament magħmul mill-konvenuti nomine għar-rigward tal-ħalib tal-baqra, iddikjara dejjem illi dawn il-pagamenti qegħdin isiru mingħajr preġudizzju, u mhuz "in full settlement" skond kif inhu miktub fiċ-"cheques" maħruġin mill-Gvern;

Talab illi (a) jiġi dikjarat u deċiż illi, stante d-dikjarazzjonijiet u l-protesti tal-attur nomine, il-prezz imħallas minnhom għall-ħalib tal-baqra sar u qiegħed isir "mingħajr preġudizzju", u mhux "in full settlement"; (b) jiġi dikjarat u deċiż illi l-ftehim bejn l-attur nomine u l-Gvern, rappreżentat mill-konvenut Prim Ministru, skond kif intqal fil-premessi u għar-raġunijiet fuq miġjuba, jorbot liż-żewġ partijiet sakemm bi ftehim ieħor ma jiġux fissati prezz u kondizzjonijiet diversi, u li l-ftehim jirrigwarda l-prezz tal-ħalib

kollu, ċjoè tal-mogħża kemm tal-baqra; (ċ) jiġi konsegwentement dikjarat u deċiż illi l-prezz miftiehem tal-ħalib tal-baqra għandu jkun ta' medja ta' 5s. 6d. il-gallun bħala medja u ċjoè ta' sitt xelini għal erbgħa xhur ta' skarsezza, ħames xelini u sitt soldi, għal erbgħa xhur normali, u ħames xelini għal erbgħa xhur ta' abbundanza, u mhux anqas, inattiż kwalunkwe avviż in kuntrarju mill-konvenut Maġġur Fenech bħala Manager tal-Milk Marketing Undertaking; (d) il-konvenuti nomine jiġu kundannati jħallsu għall-ħalib tal-baqra l-prezz indikat fit-tielet talba; (e) u jiġu kundannati l-konvenuti nomine jħallsu lill-attur nomine d-danni minnu sofferti, liema danni għandhom jiġu likwidati jew f'din jew f'kawża oħra;

B'riżerva u mingħajr preġudizzju ta' kwalunkwe dritt u azzjoni li l-attur nomine jista' jkollu kontra l-konvenuti nomine bħala konsegwenza tad-deċiżjoni tal-kummissjoni fuq imsemmija, nominata mill-Gvern; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protesti ġudizzjarji tat-18 ta' Settembru 1962, 17 ta' Marzu u 8 ta' Lulju 1953; u l-imgħax fuq is-somma dovuta, kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija jekk l-offerta tal-Gvern dwar il-prezz tal-ħalib, kommunikat lill-atturi b'ittra tad-19 ta' Jannar 1951, recte 1952 (fol. 34), u minnhom aċċettata b'ittra tal-21 ta' dak ix-xahar (fol. 35), kienetx tirrigwarda l-ħalib tal-mogħża u tal-baqra, jew il-ħalib tal-mogħża biss. L-imsemmija ittra tal-Gvern ma tagħmel ebda distinzjoni; iżda, minħabba d-diversi ċirkustanzi li jirriżultaw mill-provi, xieraq li jiġi eżaminat x'kienet l-intenzjoni u l-fehma tal-partijiet fl-aħħar inkontru li sar fl-uffiċċju tal-Prim Ministru, meta ntlaħaq il-ftehim li ġie inkorporat fl-imsemmija ittra tad-19 ta' Jannar 1952;

Illi l-pretensjoni tal-atturi hija illi l-ftehim mal-Gvern kien jirrigwarda l-prezz tal-ħalib kollu, jiġifieri tal-mogħża u tal-baqra; iżda din il-pretensjoni ma tidherx sostnuta mill-atteġġjament tagħhom stess, kif jirriżulta miċ-ċirkustanzi hawn taħt miġjuba:—

*Omissis;*

Konsegwentement, bl-imsemmija attitudini tagħhom, l-atturi għandhom dik li tissejjaħ "observantia facti";

*Illi l-versjoni tal-konvenuti, mbagħad, tinsab sostanzjata* mid-depożizzjoni......;

Illi minn dak li ġie rilevat, il-Qorti hija tal-fehma illi d-diskussjoni u t-trattattivi fl-aħħar inkontru fuq imsemmi kienu jirrigwardaw prinċipalment il-prezz tal-ħalib tal-mogħża, li fuqu kien jiġi wkoll regolat il-prezz tal-ħalib tal-baqra, kif effettivament sar, u kif fehmu anki l-istess atturi skond ma jidher mill-atteġġjament tagħhom fuq rilevat;

Illi kwistjoni oħra bejn il-partijiet tirrigwarda ż-żmien li għalieħ kellhom iseħħu l-prezzijiet in kwistjoni. L-atturi jippretendu illi l-ftehim għandu jorbot liż-żewġ partijiet sakemm bi ftehim ieħor ma jiġux stabbiliti prezz u kondizzjonijiet diversi; il-konvenuti, mill-banda l-oħra, isostnu illi l-ftehim sar mingħajr terminu, u għalhekk seta' jiġi terminat fi kwalunkwe żmien;

*Ikkunsidrat, fuq din il-kwistjoni;*

Illi skond l-art. 1120 tal-Kodiċi Ċivili, "meta ma jkunx ġie stabbilit ebda żmien għall-eżekuzzjoni ta' obligazzjoni, din għandha tiġi eżegwita minnufiħ; iżda dan kemm il-darba x-xorta tal-obligazzjoni, jew il-mod kif għandha tiġi eżegwita, jew il-lok miftiehem għall-eżekuzzjoni tagħha, ma jġibux magħhom il-ħtieġ ta' żmien li, jekk ikun hemm bżonn, jiġi stabbilit mill-Qorti". Għalkemm fl-ittra tad-19

ta' Jannar 1952 (fol. 34) ma jidherx espressament stabbilit żmien determinat, dan ma jfisserx illi l-Qorti ma għandhiex tara x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet meta waslu għall-ftehim riżultanti minn dik l-ittra. Hu magħruf, kif deт testo jidher mill-art. 1120 fuq miġjub, illi ż-żmien jista' jkun anki tiċitu, jew implicitu, u jista' jirriżulta minn natura stess tal-obligazzjoni u mill-mod kif din ikollha tiġi eżegwita; u l-intenzjoni tal-kontraenti f'dan ir-rigward tista' tiġi deżunta u argumentata mill-kumpless tal-fatti u tal-klawsoli tal-kuntratt (Fadda, art. 1173 Cod. Civ. Ital., §27); u kif jinnota Borsari, "il termine può essere nel modo con cui l'obbligazione deve eseguirsi: vi darò per quest'anno dieci staia di grano ogni mese" — Commento Cod. Civ. Ital., art. 1173 (3087);

Ma hux preżumibbli illi l-partijiet riedu jibqgħu marbutin indefinitament, imma għal dak iż-żmien raġjonevoli li fih l-obligazzjoni kienet tista' tiġi eżegwita (Kollez. XXXVII-II-787). F'dan ir-rigward hu maġistrali l-insenjament ta' Giorgi:— "Sebbene il termine sia una modificazione accidentale, arbitraria, del vincolo contrattuale, modificazione che deve perciò risultare dalla volontà delle parti, pure, anche se questa volontà non sia esternata colle parole, può talvolta risultare indirettamente dalla natura o indole della prestazione. 'Quae stipulatio fieri videtur, tamen re ipsa habet tempus adiectum' " (Obbligazioni, Vol. IV, §391);

Illi, fuq l-iskorta ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi l-offerta tal-Gvern kellha forza ta' sena. Hekk fehemha l-Gvern fil-persuna tal-Onor. Dr. Borg Olivier, allura Prim Ministru (fol. 174 tergo); u hekk ukoll fehmuha l-atturi, kif jidher mill-memorandum tagħhom ġa fuq aċċennat, fejn irrilevaw illi "The Cabinet's decision concerning the price of raw milk, which was confirmed by letter of the Prime Minister of the 19th January, 1952...... took the following form and implications...... (d) that our supply shall be regulated by a year's contract, and that the

quantity contracted for shall be uniform throughout the year, but with provisions for seasonal fluctuations" (fol. 90A.);

Illi, "rebus sic stantibus", l-offerta tal-Gvern dwar il-prezzijiet in kwistjoni, debitament aċċettata mill-atturi, kienet, fil-fehma tal-Qorti, vinkolanti għal sena biss; u konsegwentement il-Gvern kien liberu jbiddel dawk il-prezzijiet, kif għamel, fl-ewwel ta' Ġunju 1953, billi s-sena kienet ġa għaddiet;

Illi minn dak li ntqal il-pretensjoni tal-atturi ma tirriżultax ġustifikata, u għalhekk m'hemmx bżonn li jiġu nvestiti l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad id-domanda tal-atturi; bl-ispejjeż kontra tagħhom.